# Ic-Censura ta' l-Istampa f'Malta

*(Ir-Raba' Taqsima; tissokta man-Numru ta' Ġunju, faċċ. 70).*

Ta' Ġużè' Gatt

META l-Ingiżitur ta' Malta, li, fl-1642, kien il-Mons. Ġanpatist Gori Pannellini, sar jaf li sa titwaqqaf l-Istampa f'Malta, ħabrek ħafna mal-Gran Mastru Laskri, billi wrieh kif kellu jimxi u x'jinħtieġ isir f'din il-biċċa. Fost l-oħrajn, qallu, biex jinħatru xi Ċensuri, ħalli dawn, qabel kollox, jaraw u jiflu sewwa kulma jkun sa jingħata għall-istampa. Barra minn hekk, Pannellini kiteb ukoll Ruma, fejn tarraf u fisser bix-xogħol tiegħu li għamel dwar din il-ħaġa.

Fid-19 ta' April, 1642, il-Kardinal Barberini wieġeb minn Ruma lill-Ingiżitur. Bagħat igħidlu, li, il-Kardinali tas-Sagra Kongregazzjoni, għoġbithom ħafna l-ħidma tiegħu waqt id-dħul u t-twaqqif ta' l-Istampa f'Malta. Biss jibqa', li, dawk li jinħatru bħala Ċensuri, iħabirku li jagħmlu d-dmir tagħhom kollu, **biex, mill-imsemmija Stampa, ma joħroġ xejn li ma jkunx jaqbel mat-tagħlim tal-Knisja** u mad-drawwiet it-tajba, kif hekk jittama li għandu jsir (1).

Il-Gran Mastru Laskri mexa fuq it-tagħrif lilu mogħti mill-Ingiżitur. Dan narawh, billi, meta Il Pompew de Fiore tah, fis-17 ta' Ġunju, 1642, li jista' jħaddem l-Istamperija li kellu, għamillu dak il-ftehim li semmejna fit-Tieni Taqsima. B'danakollu, għad illi kellhom jintgħażlu xi nies biex jiflu u jgħarblu l-kitba sewwa, qabel ma din tmur għall-istampa, naraw jinbeda x-xogħol fl-Istamperija ta' De Fiore, mingħajr Ċensuri xejn. Iżda, ġrat din il-biċċa, minħabba dak li sa ngħidu.

F'dak iż-żmien kienet drawwa, li meta wieħed jitlob xi ħaġa u jagħtuhielu, ma jgħarrfuhx bil-kitba, bħalma hekk jagħmlu l-lum, iżda jgħidulu bil-kliem biss li qalagħha. Biex wieħed ikun jaf sewwa x'fiha u ma fihiex is-setgħa li tawh, irid imur hu nnifsu jistaqsi fil-kanċellerija ta' l-Ordni, jew il-Qorti, f'liema waħda minn dawn l-imkejjen ikun għamel it-talba tiegħu. Iżda Pompew ma għaraf jagħmel xejn minn dan kollu li semmejna. De Fiore ma marx, fejn kien imissu jmur, biex jara u jistaqsi taħt liema ftehim tawh dak li talab. B'dan in-nuqqas ta' għa-

(1) Miss. Bibl. 17 pag. 118.

mil, baqa' u le sar jaf, li, qabel kull ħaġ'oħra, kellu jitlob lil Gran Mastru, biex jinħatru xi Ċensuri, ħalli dawn inizzlu isimhom f'dawk il-ħwejjeġ li jgħaddu bħala tajbin għall-istampa. Iżda, malli lil Pompew għarrfuh li ħarġet is-setgħa għalih, bdiet il-ħidma fl-Istamperija tiegħu, bla ma qagħad iħabbel rasu fuq xejn aktar.

L-ewwel xogħol li ħareġ mill-Istamperija ta' De Fiore, kienu l-istampar ta' żewġ folji b'xi konkoluzjonijiet. Dawn twaħħlu mal-ħitan.

Meta n-nies tal-Haqq raw li dawn ħarġu mingħajr is-setgħa mogħtija miċ-Ċensuri, bil-jedd kollu qalu, li Pompew waqa' fil-piena li kien imhedded biha, jiġifieri li kellu jħallas 500 skud tad-deheb lill-Fiskal tal-Qorti.

Iżda Pompew, bħala sid l-Istamperija, u għalhekk kellu jagħmel tajjeb għal dak kollu li jsir fiha, talab il-ħniena tal-Gran Mastru, billi qal u fisser ruħu li ma kienx jaf x'kellu jkun l-ewwel dmir tiegħu. Barra minn dan, indaħlu wkoll xi nies sewwa, u qabżu għalih ħafna mal-Gran Mastru. Fuq hekk, Laskri, għal din id-darba, għader in-nuqqas tiegħu, billi ħafirlu l-piena kollha li weħel.

Malli Pompew ħeles b'wiċċ il-ġid mit-taxxa li daħal fiha, u billi wkoll wara dit-tbeżbiża sar jaf x'kellu jagħmel, f'Diċembru tal-1642, talab lil-Gran Mastru, ħalli jogħġbu jaħtar Ċensur, kif id-Degriet tas-17 ta' Ġunju, 1642, kien igħid.

Fuq it-talba ta' Pompew, Laskri għażel wieħed malajr biex jidher għalih (għall-Gran Mastru), ħalli jara l-kitba u jniżżel ismu (isem il-maħtur) malli jgħaddiha. Għal din il-biċċa xogħol, qabbad lill-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni, li, f'dik il-ħabta, kien il-Kmandatur Ġanfranġisk Abela, Malti. Flimkien miegħu ndaħal ukoll l-Ingiżitur Gori Pannellini.

Id-deffis u s-sehem li naraw jieħu l-Ingiżitur f'dil-biċċa ta' l-Istampa, aktarx li f'għajnejna jidher xi ftit, jekk ukoll mhux wisq, barra mill-qies. Iżda, id-drawwiet tal-qedem kienu xorta oħra minn dawk tal-lum. Dari, l-Ingiżitur kellu setgħa kbira ħafna fuq kulħadd hawn, billi f'Malta dan kien jidher għall-Papa. Jerġa', billi l-Ordni, bħala għaqda ta' Rhieb, jagħmel minnu l-Papa wkoll, l-Ingiżitur kellu kull jedd biex jindaħal u jħaddem is-setgħa tiegħu, flimkien ma' dik tal-Gran Mastru, dwar iċ-Ċensura ta' l-Istampa f'Malta.

Ma' dawn nistgħu ngħoddu lill-Isqof ukoll. Dan kellu setgħa oħra għalih. B'hekk, gżiritna kienet mifruda u maqsuma taħt tliet Ħakmiet. Dawn it-tliet Setgħat, mhux biss kienu jaħbtu ta' sikwit ma' xulxin, dwar dak li jgħidu li huwa tagħhom, iżda, nistgħu ngħidu li kienu f'tilwima waħda li ma tispiċċa u taqta' qatt.

Bħalma għedna, kull kitba kellha tibda tgħaddi minn taħt iċ-Ċensuri li semmejna. L-ewwel ma tmur kienet għand l-Ingiżitur, biex jaraha hu. Wara tgħaddi f'idejn il-Kmandatur Abela. Meta jgħadduha, iniżżlu isimhom taħt l-''Imprimatur''.

Xi drabi, flok ma l-Ingiżitur jara l-kitba hu, ġie li għażel lil ħaddieħor ukoll, biex igħarbilha għalih. Ukoll wara xi żmien Abela ma baqax aktar bħala ċ-Ċensur tal-Gran Mastru, billi xaba' u telaq minn dan ix-xogħol ta' taħbil il-moħħ. Floku laħaq il-Kuġitur tiegħu (ta' Abela), il-Gran Pirjol ta' l-Ordni, Fra Luqa Buerio, dak li fl-1663 sar Isqof ta' Malta.

Ma għaddiex żmien wisq wara l-ħolqien taċ-Ċensura f'Malta, li ma tressqux xi kotba żgħar tal-Knisja b'talb mhux qiegħed tajjeb. Iżda l-Ingiżitur ma għaddihomx, filwaqt li żammhom u ma rħihomx minn taħt idejh. Mhux dan biss, imma, fl-14 ta' Diċembru, 1642, bagħathom mill-ewwel lejn Ruma.

Għal dan l-għamil, wieġbu l-Kardinal Barberino, fl-10 ta' Jannar, 1643, fejn bagħat igħidlu, li mexa bil-għaqal ħafna u wera ħsieb sewwa; meta ma għaddiex dawk il-kotba għall-istampa, għax hu minnu li huma ħżiena. Talbu wkoll, biex, 'il quddiem, joqgħod b'għajnejh miftuħa dejjem, billi jissokta jħaddem dehnu f'dawk il-ħwejjeġ, kif hekk għamel fil-biċċa ta' l-imsemmija kotba (2).

Fost il-ftehim li hemm fid-Degriet li l-Gran Mastru ta lil Pompew De Fiore, fis-17 ta' Ġunju, 1642, insibu, li meta tintelaqlu f'idejh li jista' jitbagħ fl-Istamperija tiegħu, dis-setgħa, biex tkun ta' siwi, trid tingħata lilu bil-miktub. Rabtu wkoll, li din is-sensja kellu jġibha u jistampaha f'kull ħaġa li joħroġ. B'danakollu, minn kif stajna naqbdu minn kitba u kotba li rajna, jidher li, sa hawn, jiġifieri dwar liema għamla ta' ''Setgħa'' kellha tisfa' mitbugħa fil-kotba, ma sar ebda twettiq ta' ndħil, jew tħaqqiq, min-naħa taċ-Ċensuri. Iżda dawn kienu jħossu,

(2) Mss. Bibl. 17, pag. 120.

li, għalihom, hu biżżejjed li jiflu u jgħarblu l-kitba, biex jaraw jekk għandhiex xi ħaġa mhix tajba u qiegħda sewwa, qabel ma jniżżlu isimhom fiha u jgħadduha miċ-Ċensura. Dil-biċċa, għalhekk, tħalliet mitluqa ħielsa fil-ħsieb ta' l-Istampatur, biex dan, jekk ikun irid, jitbagħ ukoll l-"Imprimatur" flimkien ma' l-ismijiet taċ-Ċensuri, inkella jġib biss bil-Latin: "Cum Superiorum permissu", jew bit-Taljan: "Con licenza de' Superiori".

Għalkemm ħarġu xi kotba li jġibu l-"Imprimatur" bl-isem ta' l-Ingiżitur, jew tal-maħtur tiegħu, flimkien ma' l-isem tal-magħżul tal-Gran Mastru, sa fejn nafu aħna, wieħed biss huwa magħruf li hawn b'din l-għamla li hawn fuq imsemmija. L-oħrajn ma fihomx għajr kliem bil-Latin, jew bit-Taljan, li juri u jfisser li ħarġu bir-rieda mogħtija mis-Superjuri.

Dal-waħdieni ktieb jinsab fil-Bibljoteka Rjali ta' Malta. Hu tal-kittieb Geronimo Marcelli, dak li semmejnieh kemm-il darba f'din il-kitba tagħna. Jismu: "Natali delle Religiose Milizie de' Cavalieri Spedalieri o Templari". Malta, 1643. Fl-aħħar ta' dan il-ktieb hemm l-ismijiet taċ-Ċensuri mniżżlin wieħed ma' ġenb l-ieħor hekk:

| | |
|---|---|
| Imprimatur. | Imprimatur. |
| Jo. Baptista Gorius | Commendatarius Habela |
| Inquisitor & Delegatus Apostolicus. | Vicecancellarius. |

Bil-ftehim li sar bejn l-Ingiżitur u l-Gran Mastru, dwar it-tħaddim ta' l-Istampa f'Malta, id-dgħajsa kienet miexja ħajta ħarir mhux ħażin. Iżda din ma damitx ma ltaqgħet ma' dagħbien waħxi u qalil, li mhux biss qattgħalha u qaċċtilha l-qlugħ li kellha, iżda ħarbatha u għarraqha għal kollox.

Fiż-żmien li qed insemmu, l-Isqof ta' Gżiritna kien Fra Ġwann Balaguer Camarasa. Lil dan ma niżlitlu xejn dik il-biċċa li lilu ħallewh minn barra u ma tawh ebda sehem fl-istampar tal-kotba f'Malta. U din raha hekk hi kbira li ma ried joqgħod għaliha xejn li xejn. Balaguer deherlu, li kellu jidħol u jiqdeffes hu fl-"Imprimatur", u mhux l-Ingiżitur Gori Pannellini. Biex jifttex jasal fil-għan tiegħu, ħa ħsieb jikteb Ruma malajr, lis-Sagra Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju, fejn wera u fisser x'imisshom ikunu l-jeddijiet tiegħu fil-qasam ta' l-Istampa, bħala li hu Isqof ta' Malta u bis-setgħa tiegħu hawn ukoll. Iżda l-Kardinali, f'laqgħa ġenerali li saret fit-2 ta' Novembru, 1643, ma qagħdux għal dak li xtaq u ried Balaguer, għax reġgħu lura

t-talba tiegħu. Li kien dan biss, fiha u ma fihiex, imma ħtija tat-tilwima li qanqal l-Isqof ma' l-Ingiżitur, naraw jeħel ukoll il-Gran Mastru, bla ma dan l-imsejken għamel l-għaliex. Għax l-aktar li ħareġ tellief f'din il-biċċa, kien hu waħdu, billi qalgħu lilu minn barra għal kollox, fl-indħil li jidher ismu f'dawk il-kotba li jistampaw f'Malta.

Minn dan li għedna nieħdu u naraw, li mhux dejjem iġibha żewġ dak il-qawl li jgħid: "Fi ġlieda bejn tnejn, jistgħall it-tielet". Irridu nfissru ruħna għal kif imxiet l-Ingiżizzjoni ta' Ruma, fit-tilwima li semmejna, billi din qatgħet, fil-11 ta' Novembru, 1643, li għandu jkun imħares id-Degriet tal-Papa Klement VIII, mogħti fil-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju, fit-2 ta' Awissu, 1601. Dan jamar, biex, meta l-Ingiżituri jgħaddu l-kotba għall-istampa, iħarsu r-Regolamenti ta' l-Indiċi.

Meta l-Ingiżitur ta' Malta wasallu l-imsemmi Degriet, intebah malajr li dan sa jqanqal u jaqla' għaqqux. Barra milli hu kien jaf x'jeddijiet jitolbu minnu, l-imsemmija Regolamenti, kien jaf ukoll li jekk jiġu mwettqa f'kulma jamru huma, bla ebda ħsieb ta' xejn, sa jkollu x'igħid għas-sħiħ ma' l-Ordni fuq din il-biċċa. Iżda, biex Gori Pannellini jilqa' għal kull għawġ li seta' jinbet, aktarx li kiteb Ruma, ħalli minn hemm jikseb tagħrif u tifsir sewwa u bil-miktub dwarhom, biex, meta jasal il-waqt li jħaddem dmiru, f'idejh ikollu ħaġa qawwija, ta' siwi u ta' ħafna saħħa x'juri, u li ma jista' jmeriha u jwaqqagħha ħadd. Ara kemm. L-Ingiżitur waslilu ittra minn Ruma, miktuba mill-Kardinal Barberino, fil-11 ta' Ġunju, 1644. Fiha dan bagħat igħidlu, li, il-Kardinali tas-Sagra Kongregazzjoni jidhrilhom li hu biżżejjed, għall-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni, li jniżżel ismu biss f'dik il-kitba li tgħaddi bħala tajba għall-istampa. Mill-bqija, fil-kotba stampati, ma għandux ikun hemm għajr il-waħdieni "Imprimatur" ta' l-Ingiżitur. Barra minn hekk, amarlu wkoll, li jfittex u jħabrek sewwa, biex jara li hekk biss dejjem isir, iseħħ u jitwettaq.

L-Ingiżitur, fis-17 ta' Ottubru, 1644, wera din l-ittra lill-Gran Mastru. Wara wrieha wkoll lill-Istampatur, biex dan, 'il quddiem, ma jkun jista' jġib ebda tkewtil, dwar li ma jafx kif kellu jimxi fl-istampar tal-kotba.

Ma għandniex xi ngħidu, ħaġa li ma titwemminx, għax ma jistax ikun, jekk ingħidu li l-Gran Mastru u n-nies tiegħu ma

nafrux, anqas tniffsu, għall-imsemmi amar. Iżda, fost l-oħrajn, l-aktar li tbaqbaq u ħambaq dwaru, kien wieħed Malti — il-Kmandatur Ġanfranġisk Abela, Viċi Kanċellier ta' l-Ordni. Malli dan safa' mgħarraf bih, intebah malajr, li dak l-amar sa jkun ta' bosta ħsara u deni għall-Ordni tiegħu, billi sa jitnaqqas ħafna l-ġieh tal-Gran Mastru bħala Sultan, li r-rieda biss tiegħu swiet u kellha tkun biex iddaħħlet l-Istampa f'Malta.

Abela ħadem u ħabrek qatigħ f'dil-biċċa, biex jara lill-Ordni joħroġ ħieles minn qalb dan it-tweghir kbir. Għalhekk ta ħafna tagħrif lill-Gran Mastru, dwar kif kien isir l-"Imprimatur" f'bosta artijiet oħra.

Fl-istħarriġ li għamel, Abela sab, li, l-amar tas-Sagra Kongregazzjoni, ma kien jaqbel xejn ma' kif kienet id-drawwa fis-Saltna ta' Napli u Sqallija u f'Hakmiet oħra ta' Slaten insara. F'dawn, barra l-"Imprimatur" tan-nies tal-Knisja, hemm ukoll l-ieħor bl-isem ta' dawk li jiġu maħtura mis-Saltna li tkun, kull wieħed l-għada tiegħu.

Terġa' Abela ma setax jaqbad u anqas jifhem il-għala, mela, għall-ewwel, il-Magħżul mill-Gran Mastru tħalla li jniżżel l-"Imprimatur" b'ismu. Mhux biss. Iżda dan kien id-dmir tiegħu li jagħmel, billi hekk ukoll igħid dak il-privileġġ li l-Gran Mastru ta lil Pompew de Fiore, meta daħlet l-Istampa f'Malta.

Wara dan kollu li l-Kmandantur Abela fisser, kellu tassew għalfejn jaraha ħafna bi kbira, dik li riedu jqaċċtu 'l barra l-Maħtur tal-Gran Mastru; biex, is-setgħa msemmija, titħalla u taqa' għal kollox f'idejn l-Inġiżitur waħdu.

Billi l-Ordni aktarx li ma kienx jaf li l-Isqof talab Ruma, ħalli jġarrab jitfa' lill-Inġiżitur 'il barra, u jidħol hu biss fl-"Imprimatur", ma basarx anqas intebah, li, kulma ġara, dan kollu sar minħabba t-tilwima li qajjem l-Isqof. Ara kemm. Fil-kotba ta' l-Ordni, wieħed għandu dejjem isib imniżżel, li, l-Istampa f'Malta, ma għaddietx 'il quddiem u rnexxiet, ħtija ta' għawġ imqanqal mill-Inġiżitur dwar jeddijiet żejda li dan ried li jkollu fl-"Imprimatur". Iżda, bħalma rajna, l-Inġiżitur ma setax jiċċaqlaq u jagħmel xort'oħra, għajr biss kif qatgħet l-Inġiżizzjoni ta' Ruma, billi dan kellu jgħaddi minn dik it-triq waħdanija li, urieh u amarlu, il-Kardinal Barberino, fl-ittra li iżjed 'il fuq semmejna.

Abela għafas ħafna mal-Gran Mastru, fejn ħeġġu, biex, l-ewwel ma għandu jagħmel, jitkellem ma' Avukati, jieħu l-fehma tagħhom u ta' nies oħra li jifhmu sewwa dwar din il-biċċa. Wara, jekk ikun jinħtieġ, jitlob, ifittex u jħabrek ħalli jitħassar l-amar imsemmi, biex, kull meta jkun il-waqt, l-Istampatur, bil-ħlusija kollha, jista' jagħmel ukoll l-"Imprimatur" bl-isem tal-Maħtur mill-Gran Mastru fil-kotba li jistampa. Dil-ħaġa kienet issir hekk sa mill-bidu li nibtet l-Istampa f'Malta, u bħalma hekk ukoll hemm imfisser fil-privileġġ mogħti lil De Fiore.

Iżda, kollox fuq kollox, Abela kien tal-fehma wkoll, li, kemm-il darba dil-biċċa ma tirnexxix, kif jitlob il-ġieħ ta' l-Ordni, il-Gran Mastru kellu, mill-aktar fis, iżomm, iwaqqaf u jneħħi l-Istampa minn Malta. Tassew li dil-ħaġa ġiebet risq u ġid kbir fi Gżiritna; iżda l-Ordni ma kien jaqbillu qatt li joqgħod taħt setgħa bħal dik — setgħa li tnaqqaslu ħafna qatigħ mill-jeddijiet li jmissu.

Billi l-Ordni kien tal-ħsieb li ma jniżżilx rasu għall-amar tas-Sagra Kongregazzjoni, aktarx li wasal f'xi ftehim ma' l-Ingiżitur, ladarba l-Istampa f'Malta ma waqfitx malajr, iżda baqgħet hawn għal xi żmien ukoll wara l-1644. Mill-anqas hekk jidher mill-kotba li ġew f'idejna u li aħna tarrafna bihom fit-Tielet Taqsima ta' din il-ġrajja — kotba li jwasslu sa l-1656.

Minn dawk kollha li ħarġu ma' tul is-snin li semmejna (1644-1656), f'ebda wieħed minnhom ma nsibu mniżżel xi "Imprimatur", la tal-Gran Mastru, anqas ta' l-Ingiżitur; iżda dawn ġibu biss li ħarġu: "Con permesso de' Superiori". Dan l-għamil jagħtina x'naħsbu, li l-biċċa tħalliet issir hekk bi ftehim għal xi żmien, ngħidu aħna, sakemm il-Gran Mastru jkollu l-wesgħa biżżejjed biex jikteb Ruma, ħalli jara jekk din tiċċaqlaqx xi ftit milli qatgħet, billi terġa' tagħmel xi ħsieb ieħor, iżjed meqjus minn ta' qabel, li jkun jaqbel aktar għall-ġieħ ta' l-Ordni.

B'danakollu, ma nafux infissru kif l-Ordni mexxa x-xogħol tiegħu f'din is-silta, biex jara jitħassarx dak l-amar tas-Sagra Kongregazzjoni, u b'hekk jeħles minn toqol kbir ta' għajb li riedu jitfgħu fuqu. Dwar din il-ħaġa, ma rnexxielna nsibu xejn, ebda dokument, li seta' jagħtina xaqq dawl, imqar mill-aktar żgħir u ċkejken, biex niksbu daqqa t'id bih, ħalli nferrxu dak iċ-ċpar li taħtu qed jaħbi l-ħidma li semmejna. Għalhekk, fuq din il-biċċa, irridu jew ma rridux, ikollna nisktu u nibqgħu f'ħemda tal-mewt.

Iżda, meta s-Sagra Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju webbset rasha u riedet tgħaddi tagħha, billi dak li qatgħet hi, żammitu bħala li hu kollu xieraq u sewwa, l-Ordni ma riedx imejjel rasu u joqgħod għall-amar tagħha. Il-Gran Mastru deherlu li kellu l-jedd kollu, li, f'dak li hu qasam ta' l-Istampa, Ruma messha mxiet miegħu kif id-drawwa mas-Slaten ta' artijiet oħra, ladarba huwa wkoll kien jaħkem f'Malta bħala Sultan tagħha. Għalhekk, meta Laskri ra li ma hemm ebda ħjiel iżjed ta' xi tama, dwar din il-biċċa, kellu jaqa' li jagħmel kif qallu l-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni, il-Kmandatur Ġanfranġisk Abela — ta daqqa fil-laħam il-ħaj, billi qaċċat u xejjen għal kollox l-Istampa minn Malta.